TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 711

KAZ NRU. 755

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmel Mangion

u

Malta Drydocks

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 29 ta' April 1996.

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 15 ta' Marzu 1993 b'referenza ME 2/93 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm erbatax il-seduta.

Carmel Mangion, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Robert Mangion LL.D. u Malta Drydocks, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur L. Spiteri, Personnel Manager.

Il-Kwistjoni tikkoncerna t-tkeccija ta' mpjegat tal-Kumpanija li kien gie ufficjalment sekondat ghax-xoghol mad-Dipartiment

tas-Sahha fl-Isptar San Luqa izda meta gie ufficjalment mibghut lura mal-Kumpanija ma rrappurtax ghax-xoghol hemmhekk b'konsegwenza li l-impieg tieghu gie terminat.

Fl-"istatement of case" l-appellant sostna li meta rcieva ittra li mghadux sekondat mad-Dipartiment tas-Sahha hu mar ghand il-Kumpanija u nfurmhom li qed jipprova jirranga biex jibqa sekondat l-isptar. Huma qalulu li, jekk ikun il-kaz, malli jircievu ittra mid-Dipartiment li se jibqa' sekondat jinfurmawh immedjatament. Sostna ukoll li ftit jiem wara id-Dipartiment kiteb lill-Kumpanija u nfurmaha li l-appellant kien se jibqa' sekondat maghha izda lilu hadd ma nfurmah.

Xi zmien wara l-Kumpanija nfurmatu li tkecca ghaliex ma kienx dahal lura ghax-xoghol.

Il-Kumpanija, fl-"istatement of case", tikkontendi li giet nfurmata mid-Dipartiment tas-Sahha permezz ta' kopja ta' ittra datata 16 ta' Novembru 1992 u ndirizzata lis-Superintendent ta' L-Isptar San Luqa li l-appellant kellu jirrapporta lura ghax-xoghol fil-Kumpanija mit-Tnejn 23 ta' Novembru 1992. Fis-19 ta' Novembru l-appellant mar personalment il-Kumpanija fejn, wara li staqsa ghar-raguni li ma kienx se jibqa' sekondat, gie muri l-ittra tad-Dipartiment tas-16 ta Novembru. Hu qal li kien se jkellem is-Sur Lautier, il-firmatarju ta' l-ittra, u l-ufficjali tal-Kumpanija li tkellem maghhom qalulu li jekk jirranga xi haga ghandu javza l-Kumpanija.

L-appellant ma rrappurtax ghax-xoghol fil-Kumpanija fit-23 u fl-24 ta' Novembru u anqas ma ghamel ebda kuntatt maghha. Il-

Kumpanija setghet keccietu izda, ghax tifhem kemm tkeccija hi haga serja, fl-24 ta' Novembru avzatu b'ittra li kien qed jidher assenti minghajr gustifikazzjoni u jekk ma jirrappurtax ghax-xoghol sat-30 ta' Novembru 1992 l-impieg tieghu jigi terminat. L-appellant la rrapporta ghax-xoghol kif avzat u l-anqas ghamel kuntatt mal-Kumpanija.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta :

- li l-appellant kien gie sekondat mad-Dipartiment tas-Sahha wara li saru l-proceduri stabbiliti kollha u li dan l-arrangement gie terminat wara li ghal darba ohra saru l-proceduri stabbiliti kollha ;
- li l-appellant gie avzat mill-iskrivan u mill-Foreman tal-post fejn kien qed jahdem li s-"secondment" kien gie terminat u kellu jirrapporta ghax-xoghol fil-Kumpanija fit-23 ta' Novembru 1992. Dan gie konfermat fix-xhieda tieghu stess ;
- li l-appellant mar ghand il-Kumpanija fis-19 ta' Novembru biex jistaqsi ghax mhux se jibqa' sekondat u gie mgharraf li t-terminazzjoni kienet saret mid-Dipartiment. Hu qal lill-ufficjali tal-Kumpanija li kien se jipprova jirranga biex jibqa sekondat u dawn avzawh li ghandu jaghmel dan qabel it-23 ta' Novembru u f'kull kaz jinfurmhom. Jekk huma jircievu xi haga mid-Dipartiment kienu jiehdu hsieb jinfurmawh ;
- li ghalkemm ma thassritx l-ordni biex l-appellant jirrapporta ghax-xoghol fil-Kumpanija dan ma marx u anqas ghamel xi kuntatt mal-Kumpanija. Hu jghid fl-

"istatement of case" li "--- ic-CGMO baghat ittra lil Malta Drydocks fejn infurmah li Mangion kien ser jibqa' seconded l-Isptar San Luqa". Ma jirrezultax li qatt saru l-proceduri rikjesti biex l-appellant jibqa' sekondat u li nkitbet xi ittra f'dan ir-rigward. Dan kien konfermat kemm mid-Dipartiment kif ukoll mill-Kumpanija u l-appellant ma ressaq ebda prova ghal kuntrarju ;

- li b'ittra datata 24 ta' Novembru 1992 il-Kumpanija, minkejja li setghet keccietu, avzat l-appellant li kien qed jigi muri bhala assenti minghajr gustifikazzjoni u tatu estensjoni sat-30 ta' Novembru biex jirrapporta ghax-xoghol fil-Kumpanija nkella jitkecca. L-appellant ma marx u ma ghamel ebda kuntatt mal-Kumpanija li tterminatlu l-impieg b-effett mit-30 ta' Novembru 1992 ;
- li l-kontenzjoni ta' l-appellant li ghamel kuntatt mal-Kumpanija wara l-ittra ta' l-24 ta' Novembru u qabel ma tkecca giet michuda mill-ufficjali tal-Kumpanija, Francis Farrugia u Alfred Gauci, li xehedu li l-appellant qatt ma rega' kellimhom wara l-ewwel darba, dik tas-19 ta' Novembru 1992.

L-appellant sostna li kien kellem lill-Works Technical Officers Agius u Axisa biex jaraw jistghux jirrangawlu biex jibqa sekondat u li dawn qalulu li kellhom jaraw x'jistghu jirrangaw u sadanittant jibqa l-Isptar. Dawn izda ma gewx prodotti mill-appellant biex jixdu ghalkemm gew indikati fil-lista ta' xhieda ma l-"istatement of case".

Sostna ukoll li l-ittra tad-Dipartiment tas-7 ta' Dicembru

1992 [immarkata Appendix (ix)] u c-certifikati ta' attendenza (dokumenti CS I, CS II u CS III) li jkopru mid-9 ta' Novembru sat-18 Ta' Dicembru 1992 juru li kien gie awtorizzat li jibqa sekondat.

Dwar dawn it-Tribunal jirrimarka li :

- anke jekk l-appellant baqa' jattendi l-Isptar fuq inizjattiva tieghu jew bi ftehim ma xi hadd li ma kienx awtorizzat din mhix gustifikazzjoni li ma jobdix ordni komunikata lilu mill-ufficjali tad-Dipartiment li kellhom din l-awtorita specjalment meta din giet konfermata mill-Kumpanija li maghha kien impjegat. Aktar u aktar meta din avzatu bil-miktub li nghata koncessjoni ohra ta gimgha izda jekk ma josservax l-ordni jitkecca ;
- l-ittra nkitbet wara li kien gie effettivament mkecci u l-firmatarju, ghal mistoqsijiet ta' l-avukat ta' l-appellant u tat-Tribunal, wiegeb "Nahseb ahna l-anqas kellna dritt li jibqa' maghna sa 9th". - "Dana probabbli jew ircevejt xi telefonata fejn qaluli isma dak ghadu jidhol hawn". - "L-iskop taghna kien biss biex nikkaverja dak il-perijodu ghax qaluli "Isma' dan ghadu hawn! Suppost ilu li spicca!" Issa jiena nikkaverjakom sa l-8 December. Ma nafx ir-repercussions li jrid ikollu fuq id-Dockyard. U jiena ergajt ordnajt biex mill-ghada jitlaq". Jekk wiehed jaccetta l-validita tac-certifikati ta' attendenza din l-ordni wkoll ma gietx segwita ghax hu rappurtat li baqa' l-Isptar mill-anqas sat-18 ta Dicembru 1992. Qal ukoll "F'dik l-ittra tat-24th

November qaluli li dak gie discharged. Jiena ghidt 'Ha nara nistax nirrangaha dik il-gimgha li baqa' hawn u nikkaverjaha'. Dak l-iskop kien biss".

- hemm dubji serji kemm kienu jsiru b'reqqa c-certifikati ta' attendenza ghaliex waqt li hemm imnizzel li l-haddiema ndikati "called regularly for duty" fil-perijodu li jkopru gie miktub fuqhom, u prezumibbilment wara ghax mhux stampat :

  f'dak tal-perijodu 9 sa 20 ta' Novembru li wiehed minnhom fil-fatt kien marid mit-12 sat-18 u allura ma setghax ikun li dan "called regularly for duty" ;

  f'dak tal-perijodu 7 sa 18 ta Dicembru iehor kien marid mill-14 sat-18 ta' Dicembru u wkoll ma jistax ikun li "called regularly for duty".

- waqt li l-ittra tas-7 ta Dicembru tghid li l-appellant baqa fuq il-kotba tad-Dipartiment tas-Sahha sat-8 ta' Dicembru c-certifikat ta' attendenza jurih bhala "called regularly for duty" sat 18 ta' Dicembru.

It-Tribunal josserva li l-ewwel obbligu ta' l-appellant kien lejn il-Kumpanija u li waqt il-perijodu li kien sekondat baqa jithallas minn ghandha u baqa sugget ghar-regolamenti tad-dixxiplina taghha. Hu kien gie sekondat wara li saru il-proceduri stabbiliti kollha u l-Kumpanija giet nvoluta biex tiehdu lura biss meta d-Dipartiment ghamel il-proceduri stabbiliti biex dan isehh. Ma kellha ebda ghazla hlief li timxi skond l-istruzzjonijiet li rceviet taht procedura stabbilita.

Il-Kumpanija avzat lill-appellant b'dak kollu li kien qed jigri u tatu l-possibilta li jipprova jirranga biex jibqa' sekondat. Izda avzatu wkoll li kellu jirrapporta ghax-xoghol ghandha fid-data ndikata jekk ma jsirux l-arrangamenti ufficjalment. Hu naqas li jaghmel dan u, minkejja li nghata gimgha zmien addizzjonali biex jirrapporta ghax-xoghol bit-twissija bil- miktub li jekk ma jobdix jitkecca, injoraha u l-anqas ghamel kuntatt mal-kumpanija.

It-Tribunal, wara li kkunsidra l-"istatements of case", ezamina d-dokumenti ezebiti, evalwa x-xhieda u qies is-sottomissjonijiet finali isib li l-appellant naqas serjament mill-obbligi tieghu lejn il-Kumpanija li minn naha taghha osservat korrettement il-proceduri stabbiliti dwar impjegati sekondati w segwiet gustament ir-regolamenti tad-dixxiplini. Anzi fil-kaz ta' l-ahhar tatu cans iehor li hu ma gharafx jiehdu. Hija waslet ghat-tkeccija meta baqa' jonqos milli jattendi ghax-xoghol minghajr gustifikazzjoni. Ghalhekk ma jistax isib li t-tkeccija kienet ngusta fuq bazi li l-Kumpanija ma kelliex raguni tajba u sufficjenti.

It-Tribunal ihoss li ghandu jirremarka li kien hemm nuqqasijiet serji fl-osservanza ta' proceduri stabbiliti kif ukoll fi proceduri amministrattivi. Ghalkemm dawn setghu zgwidaw lill-appellant b'ebda mod ma kienu jholluh mill-obbligi tieghu lejn il-Kumpanija u xejn minnhom ma jistghu jigu attribwiti lilha.

Ma rrezultax li l-Kumpanija kienet hatja ta' xi nuqassijiet u r-risponsabbilta ghal agir inkorrett irid jerfaghha min

ghamlu u, jekk ikun il-kaz, min influwenzah.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jilqax it-talba ta' l-appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju